MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2007

Avviz Numru. 1904/1998/1

**Café Bar (Malta) Ltd**

**Vs**

**Borg Barthet Bros. Ltd u Esprit Borg Barthet**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta et jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li  jhallsu jew minn minnhom lill-istess socjeta attrici s-somma totali ta’ Lm142.01 (mija u tnejn u erbghin lira Maltin u centezmu) ammont dovut li minnhom Lm116.26, (mija u sittax-il lira u sitta u ghoxrin centezmu) rapprezentanti zewg skadenzi ta’ kera dovuti in konnessjoni mal-kirja ta’ makna tal-café’, u Lm25.75 (hamsa u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu), rappresentanti l-prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata fuq ordni taghhom jew min minnhom stess, skond l-invoices gia fil-pussess taghhom.

Bl-imghax legali mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Lulju 1998, u Lm10.00 tal-konsult, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 5 tal-atti) u li biha eccepew bil-qima:-

1. Illi fl-ewwel lok l-ammont mitlub ma hux dovut mis-socjeta konvenuta u dana peress illi l-konvenut Esprit Borg Barthet ma kien bl-ebda mod awtorizzat jidhol f'negozji ghan-nom tas-socjeta konvenuta Borg Barthet Bros, Ltd.
2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' Lm25.75 diga gie mhallas u dana permezz ta' ittra u cekk datati 6 ta' Novembru 1998.
3. Illi fit-tieni lok is-socjeta attrici kienu diga gew avzati u dana minn Gunju 1998 illi s-socjeta konvenuta ma riedux jibqghu joperaw il-magna u kienu gew mitluba jigu biex jiehdu il-magna lura. Illi ghalhekk l-ammont mitlub ma hux dovut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni u rat in-nota ta' referenzi sottomessa mis-socjeta attrici a fol 60 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-provi prodotti mis-socjeta attrici in sostenn tat-talba in esami huma kif ser jinghad:-

a) <u>George Mifsud</u> (ara l-affidavit sottomess minnu a fol 9 u fol 49 et seq ibid) spjega li s-socjeta rappresentata minnu kienet <u>kriet</u> lis-socjeta konvenuta magna tal-kafe ghall-perijodu ta' erba' snin bil-kera annwali ta' Lm232.52,0 pagabbli kull tlett (3) xhur bil-quddiem. Il-ftehim relattiv bil-miktub kien gie ffirmat minn Esprit Borg Barthet li "… kien ghamilha cara illi kien qieghed jiffirma ghan-nom tas-socjeta Borg Barthet Bros Ltd". Difatti ix-xhud esebixxa l-iskrittura, in fotokopja, u li tinsab a fol 11 tal-atti in sostenn ta' dak li ghadu kemm inghad (ara ukoll

fol 23 ibid). Inoltre l-istess xhud kompla jghid illi l-istess konvenut kien ghamel l-arrangamenti kollha mehtiega sabiex jsir “standing order” “… tal-Bank tas-socjeta (konvenuta) favur (is-socjeta attrici). Wara li, fil-bidu, dawn il-pagamenti kienu saru b’mod regolari, xi hadd mis-socjeta konvenuta kien ghamel telefonata lis-socjeta attrici “. u talab illi l-magna tinqala’”. Pero’ l-istess socjeta konvenuta giet informata u ingibditilha l-attenzjoni taghha, dwar l-iskrittura msemmija u dwar l-obbligi assunti minnha. Ir-raguni moghtija mis-socjeta konvenuta kienet originarjament illi l-istess magna ma kienetx qed tintuza izda, sussegwentement, wara li s-socjeta attrici irrifjutat illi tiehu lura l-magna in kwistjoni, is-socjeta konvenuta semmiet illi “… Esprit Borg Barthet ma kienx awtorizzat sabiex jagixxi ghan-nom taghhom”. Difatti hawnhekk waqfu illi jsiru l-pagamenti u ghalhekk saret din il-kawza ghal “… zewg pagamenti tal-kera …” ammontanti ghal Lm116.26,0 (ara f’dan ir-rigward in-nota ta’ riduzzjoni tat-talba in esami sottomessa mis-socjeta attrici u li tinsab a fol 17 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-konvenuti, gew prodotti is-segwenti provi:-

a) Henry Borg Barthet (fol 19 u fol 20 kif ukoll fol 55 u fol 56 ibid) spjega illi l-konvenut , in-neputi tieghu kien impjegat mas-socjeta konvenuta bhala “salesman in rigward kuntratti” izda ma kienx direttur ta’ din is-socjeta. Hu kompla biex jghid illi l-istess konvenuta “ma kellux dritt dan” ossija li jiffirma f’isem is-socjeta konvenuta. Hawnhekk, pero’, x-xhud kompla jghid, testwalment “Ahna wasalna sabiex nikkancellaw dan il-kuntratt peress li ma kellniex bzonn aktar din il-magna”. Inoltre l-istess magna kienet ghadha “ghandna” in vista li s-socjeta attrici ma gabritiex. Fl-ahharnett, hu semma ukoll illi, avolja l-magna in kwistjoni ma kienetx qed tintuza xorta wahda kien qed jsir is-‘servicing taghha” (ara ukoll id-dokumenti esebiti mill-istess socjeta konvenuta a fol 24 et seq ibid specjlament dak a fol 24, a fol 32 u a fol 39”). In kontro esami, ix-xhud rega sostna li “… hadd mid-diretturi, (avoja wiehed minnhom, Victor Borg Barthet, kien missier il-

konvenut) tas-socjeta konvenuta ma kien jaf b'dan il-kuntratt. Inoltre "Konna nafu li l-magna kienet hemm ghax konna nuzawha. Pero ma konniex nafu bil-kuntratt …" Inoltre hu kkonferma illi kull xahar il-kera relattiva kienet tithallas permess ta' "standing order" awtorizzata mill-"financial controller" tal-kumpanija konvenuta. Fl-ahhar nett, l-istess xhud testwalment, qal "Niftakar li (l-konvenut) kien informa lilna, id-diretturi, li l-magna kienet ser tiswielna daqshekk fix-xahar u li (s-)'supplies' relattivi jinxtraw minghand is-socjeta attrici u ahna accettajna peress li kien jaqblilna bhala prezz".

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif hawn fuq esposti jidher car u evidenti, anke, u b'mod specjali, mix-xhieda ta' Henry Borg Barthet, illi meta l-konvenut iffirma l-iskrittura in esami, hu kien qed jagixxi u jikri l-magna in kwistjoni f'isem is-socjeta konvenuta. Dan il-fatt jidher pruvat mill-agir tal-istess socjeta konvenuta anke wara li gie iffirmat il-ftehim u l-magna giet stallata fl-ufficini tal-istess socjeta konvenuta. Difatti mill-provi irrizulta illi l-kera kienet, ghal certu perjodu qed tithallas regolarment mis-socjeta konvenuta permezz ta '"standing order", li l-istess magna kienet qed tintuza, ghal certu perjodu kollu li l-konvenut kien informa lid-diretturi tas-socjeta konvenuta illi ".. ahna accettajna peress li kien jaqblilna bhala prezz". Inoltre kien jkun opportun kieku dak li qed tallega s-socjeta konvenuta kien minnu, illi din tiddeposita fir-Registru tal-Qorti, l-istess magna sabiex tesimi ruhha minn kull responsabilita specjalment meta u dan allegatament, l-istess socjeta konvenuta riedet illi l-istess magna tittiehed lura mis-socjeta attrici qabel it-terminazzjoni tal-ftehim ta' kera in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi, inoltre, mill-istess provi jidher ukoll illi l-ammont kollu, kif ridott, hu dovut mis-socjeta konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talba attrici kif ridotta fil-konfront tas-socjeta konvenuta biss u tikkundanna lis-

socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm116.20,0 bl-imghax legali mill-15 ta' Gunju 1998 (ara fol 31 tal-istess atti) sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Lulju 1998 u Lm10 tal-konsult.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------